StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħames Sena** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-Ħin: 30 minuta** |

**Il-Karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami għall-Istudenti Neqsin mis-Smigħ**

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Se tinqralhom l-istorja ***Fazja tal-Kantuniera***. | **3 minuti** |
| **2** | ▪ Se jinqrawlhom il-mistoqsijiet mogħtija għal darba biss. | **4 minuti** |
| **3** | ▪ Se tinqralhom l-istorja għat-tieni darba. | **3 minuti** |
| **4** | ▪ Se tinqralhom l-ewwel parti tal-istorja għal darbtejn. | **3 minuti** |
| **5** | ▪ Għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet **1-6**. | **3 minuti** |
| **6** | ▪ Se tinqralhom it-tieni parti tal-istorja għal darbtejn. | **3 minuti** |
| **7** | ▪ Għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet **7-12**. | **3 minuti** |
| **8** | ▪ Se tinqralhom l-istorja għat-tielet darba waqt li jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet fuq l-istorja kollha **13-17**. | **4 minuti** |
| **9** | ▪ Jistgħu jiċċekkjaw it-tweġibiet kollha u jkunu ċerti li mmarkaw waħda biss. | **4 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

**Il-Karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Il-karta għandha tinżamm wiċċha ’l isfel.<br>▪ Ser tinqralhom l-istorja ***Fazja tal-Kantuniera***.<br>▪ Għandhom jisimgħu b’attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **5 minuti** |
| **2** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha ’l fuq.<br>▪ L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f’qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **5 minuti** |
| **3** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha ’l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **5 minuti** |
| **4** | ▪ Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha ’l fuq.<br>▪ Għandhom iwieġbu skont kif mitlub.<br>▪ Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **8 minuti** |
| **5** | ▪ Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>▪ Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **4 minuti** |
| **6** | ▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m’għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **3 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Fazja tal-Kantuniera

***L-Ewwel Parti***

Fit-triq tagħna għandna mara xiħa ftit stramba. Insibuha bħala Fazja tal-Kantuniera. Fazja hi mara twila u rqiqa. Għajnejha huma fil-ħofra u dejjem tkun liebsa l-iswed. Xufftejha ċkejknin u żżommhom marsusin bħal min qatt ma tbissem jew daħak.
Din il-mara ma ssellem u tkellem lil ħadd. Min jaf għaliex? Lanqas lili. Issa jien ngħid "Saħħa" u "Bonġu" lill-ġirien kollha bla ma nagħti kunfidenza żejda.
Għadni niftakar sewwa. Ix-xitwa li għaddiet qam riefnu li ħarbat nofs Malta. Fuq il-bejt kelli qmis minxura li ġabuhieli minn Spanja. Tant kienet sabiħa li ridt seba' għajnejn biex tħares lejha u tgħidx kemm kienet għal qalbi. Bil-qawwa tar-riefnu din l-imbierka qmis inqalgħet minn mal-ħabel u taret min jaf fejn!

***It-Tieni Parti***

Tlett ijiem wara, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu, waqt li kont qed nagħmel il-kafè, nisma' l-bieb iħabbat. Għidt bejni u bejn ruħi, "Dan min ġie dalgħodu?", għax mhux soltu jħabbat il-bieb daqshekk kmieni. Malli niftaħ insib il-qmis li kien seraqli r-riefnu mdendla mal-ħabbata.  Meta ttawwalt fit-triq rajt lil Fazja titbiegħed. Bħala mara anzjana, il-pass tagħha kien meqjus u bil-mod.
Avolja kont għadni bil-piġama u ħafi, jien ħriġt niġri biex nilħaqha. L-ewwel għajjattilha, imbagħad ġrejt għal fuqha.  Imma hi baqgħet miexja donnha ma semgħetnix.
Domt nirringrazzjaha tgħidx kemm.  Madankollu Fazja xorta waħda lanqas biss indenjat tħares lejja jew tkellimni. Meta rajt hekk ħassejtni ninkiser. Ħassejt wiċċi jiħmar.  Għalhekk dawwart denbi u mort lura d-dar. Imma qatt ma nista' ninsa li wara dak il-wiċċ serju u supperv hemm qalb ħanina.
U għadni sal-lum, kull darba li jqum xi riefnu u jkolli l-bejt mimli b'xi ħasla ħwejjeġ, niftakar f'Fazja li toqgħod fil-kantuniera tat-triq tagħna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħames Sena** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-Ħin: 30 minuta** |

**Il-Karta tal-Istudenti**

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

| | **Is-Smigħ** |
|---|---|
| **Il-marka tat-taqsima** | **20 marka** |
| **Il-marka tal-istudent/a** | |

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Fazja tal-Kantuniera

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba**

**L-Ewwel Parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Fazja tal-Kantuniera kienet | | l-għalliema tal-awtur. |
| | | | waħda mill-ġirien tal-awtur. |
| | | | iz-zija tal-awtur. |
| | | | in-nanna tal-awtur. |
| **2.** | Fazja | | kienet mara dħulija. |
| | | | kienet tilbes pulit. |
| | | | ma kienet tkellem lil ħadd. |
| | | | kienet tħobb tiċċajta. |
| **3.** | “riefnu” huwa | | sħana kbira. |
| | | | baħar imqalleb. |
| | | | ħafna xita. |
| | | | riħ qawwi. |
| **4.** | Xi ġralha l-qmis li kienet minxura? | | Tqattgħet. |
| | | | Intilfet. |
| | | | Taret bir-riħ. |
| | | | Tkebbet mal-ħabel tal-inxir. |
| **5.** | Din il-qmis | | kien qalagħha l-awtur f’għeluq sninu. |
| | | | kienet kerha ħafna. |
| | | | kienu ġabuhielu minn Spanja. |
| | | | kienet ħadra. |
| **6.** * | “trid seba’ għajnejn biex tħares lejha” tfisser: | | għandek bżonn nuċċali. |
| | | | ma tistax tħares lejha. |
| | | | għandha kuluri jgħajtu. |
| | | | sabiħa ħafna. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | L-awtur sema' l-bieb iħabbat | | f'nofs ta' lejl. |
| | | | kmieni filgħodu. |
| | | | waranofsinhar. |
| | | | f'nofsinhar. |
| | | | |
| **8.** | X'kien ġara? | | Ġie tal-posta. |
| | | | Ġie tad-dawl. |
| | | | Fazja ġabitlu l-qmis lura. |
| | | | Fazja kellha bżonn l-għajnuna. |
| | | | |
| **9.** | X'kien liebes l-awtur? | | Ġlekk u ingravata. |
| | | | Qmis minn Spanja. |
| | | | Flokk u qalziet. |
| | | | Il-piġama. |
| | | | |
| **10.** | L-awtur ried | | iħallas lil Fazja. |
| | | | jirringrazzja lil Fazja. |
| | | | jgħin lil Fazja. |
| | | | jixtri qmis lil Fazja. |
| | | | |
| **11. *** | "ħassejtni ninkiser" tfisser | | stħajt ħafna. |
| | | | ksirt idi. |
| | | | infqajt nidħaq. |
| | | | weġġajt sieqi. |
| | | | |
| **12. *** | "dawwart denbi" tfisser | | ġrejt biex nilħaq lil Fazja. |
| | | | biddilt il-ħsieb. |
| | | | erġajt lura d-dar. |
| | | | ġietni idea. |
| | | | |

**Fuq l-istorja kollha.**

**Imla l-vojt billi tkompli s-sentenzi skont dak li smajt:**

**13**. Fazja kienet mara twila u _________________.

**14**. Hija kienet dejjem tilbes ħwejjeġ ______________________.

**15**. L-awtur kien isellem lil kulħadd billi jgħid saħħa u ________________ .

**16**. Meta fetaħ il-bieb, l-awtur sab il-qmis imdendla mal-_________________.

**17**. Wara l-ġrajja tal-qmis, l-awtur induna li Fazja għandha qalbha__________________.

**Tmiem il-Karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ___________________________** **Il-klassi: __________**

| | Il-Qari u l-Kitba |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

**Għall-istudent/a:**

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra sew din l-istorja.**

**Ix-Xita - X'għandna bżonnha?**

Liża qamet maħsuda. Hija fetħet għajnejha berаħ xħin mal-ħġieġ tat-tieqa tagħha bd tara taqtir oħxon tax-xita. Liża qamet bilqiegħda fis-sodda u ħasset dwejjaq kbar meta semgħet ir-riħ qawwi jonfoħ u rat is-sħab iswed li kien qed iwaddab xita bil-qliel. "Illum żgur li mhux ser immur man-nannu sar-razzett ta' Ħad-Dingli," qalet bejnha u bejn ruħha Liża. "Uff xi dwejjaq din ix-xita! Aħjar tagħmel biss matul il-ġimgħa meta jkollna l-iskola u l-Ħadd tħallih bnazzi," kompliet tgħid Liża minn taħt l-ilsien hi u dieħla fil-kċina. *(par. 1)*

"Dak x'geddum inżilt bih Liża?" semgħet lin-nannu Victor jgħidilha hekk kif poġġiet bla ħeġġa mal-mejda. "Mhux bilfors!" weġbitu fil-pront it-tifla. "Din ix-xita x'għandna bżonnha? Min jieħu gost biha u jkun iridha? Aħjar li kieku ma tagħmel qatt għax dejjem tħassrilna l-ħruġ!"*(par. 2)*

"Eħħ, Liża, tassew ma tafx x'inti tgħid," qalilha n-nannu bil-ħlewwa. "Allaħares ma tkunx ix-xita għalina għax kieku kif jikbru l-pjanti, is-siġar, il-ħxejjex u l-frott li nieklu? Ħa ngħidlek taqbila li kien iħobb jgħidli missieri meta konna nkunu qed nirgħaw il-mogħoż fl-inħawi ta' Ħad-Dingli:

'Agħmel xita agħmel,
Ħalli jikber il-ħaxix,
Il-ħaxix intuh lill-mogħża,
U l-mogħża ttina l-ħalib.'

Għoġbitek, Liż?" staqsieha n-nannu bi tbissima waqt li xorob belgħa kafè mill-kikkra. *(par. 3)*

"Imma, nann," staqsiet Liża kollha kurżità, "tista' tispjegali kif u minn fejn tiġi x-xita?"

"Ara, Liża. Bis-sħana tax-xemx, l-ilma baħar jisħon u jitla' fil-għoli ħafna fil-forma ta' fwar fejn ikun hemm l-arja kiesħa. Din tissejjaħ evaporazzjoni. Hemm fuq, dan il-fwar jifforma fi qtar u ħafna qtar flimkien jiffurmaw sħaba. Meta s-sħaba timtela u ssir tqila wisq, dan il-qtar jerġa' jinżel fuq l-art bħala xita," spjegalha n-nannu Victor. *(par. 4)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

"Allura nann, ngħid jien, kif l-ilma tax-xita ma jkunx mielaħ bħall-ilma baħar?" staqsietu Liża. "Dak għaliex il-melħ huwa tqil u jibqa' fil-baħar filwaqt li l-ilma ... 'l fuq bħala fwar u jifforma s-sħab tax-xita," spiċċa l-ispjega n-nannu Victor. Fil-pro... reġa' qabbad il-kikkra ma' ħalqu biex jixrob l-aħħar ftit kafè li kważi kesaħlu. *(par. 5)*

"Prosit pa kemm taf tispjega," daħkitlu l-mamà. "Għax ma titħajjarx tmur għalliem tax-xjenza fl-iskola ta' Liża?" In-nannu qam minn postu u filwaqt li ħares barra lejn ix-xita nieżla qalilhom, "Eħħ, ma tafux kemm għandna dinja sabiħa madwarna fejn kollox għandu postu u meħtieġ. Kieku kulħadd jitgħallem japprezza n-natura, kieku d-dinja hija ħafna isbaħ milli hija llum. Isma' Liża. Għax ma tmurx tilbes ħalli nieħdok dawra bil-vann ħalli tara x'differenza tagħmel ix-xita fil-kampanja?" *(par. 6)*

Lanqas laħaq spiċċa jitkellem in-nannu li Liża ma kinitx fil-kamra tqalleb fil-gwaradarobba. "Tassew, kollox fih is-sabiħ tiegħu!" ħasbet Liża. *(par. 7)*

| TAQSIMA A | IL-QARI | (30 MARKA) |
|---|---|---|

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.**



a) Liża ma ħaditx gost bix-xita għax

☐ tħammġet il-ħġieġa tat-tieqa tagħha.

☐ ħassritilha l-ħarġa man-nannu.

☐ ma setgħetx tmur tixtri ma' sħabha. (marka)

b) In-nannu ta' Liża kien iħobb ix-xita għax

☐ jista' joqgħod jistrieħ ir-razzett.

☐ taħsillu l-vann.

☐ tkabbar il-ħxejjex u s-siġar tal-għelieqi. (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Ħożż linja taħt it-tweġiba t-tajba.**

a) Meta kien iżgħar, in-nannu Victor kien imur jirgħa ( l-baqar, n-nagħaġ, l-mogħ
fl-inħawi ta' Ħad-Dingli.

b) Huwa kien imur ma' ( zijuh, missieru, nannuh ) li kien iħobb jgħidlu xi ( taqbila, storja, praspura ) minn tiegħu. (3 marki)

**3. Għal min qed jirreferu l-ittri mmarkati b'linja taħthom fil-kliem li ġej:**

a) weġbit**<u>u</u>** fil-pront *(par.2)* - **<u>u</u>** qed tirreferi għan- ______________________________.

b) intu**<u>h</u>** lill-mogħża *(par.3)* - **<u>h</u>** qed tirreferi għall- _______________________________.

ċ) qalil**<u>hom</u>** *(par.6)* - **<u>hom</u>** qed tirreferi għal Liża u ______________________.

(3 marki)

**4. Erġa' aqra paragrafi 4 u 5 u wara imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba minn din il-kaxxa. Fil-kaxxa hemm kelma żejda. L-ewwel waħda hija lesta.**

| |
|---|
| **tqil – fwar – melħ – qtar – mielħa – baħar - ~~sħab~~** |

Is-**<u>sħab</u>** li naraw fuq rasna fis-sema huwa magħmul minn ħafna __________ tal-ilma. Dawn jitilgħu fl-għoli bħala _____________ għaliex ix-xemx issaħħan l-ilma. Ix-xita ma tkunx ____________ għax meta l-ilma jitla' 'l fuq, il-______________ jibqa' fil-qiegħ għax huwa _______________. (5 marki)

**5. Wieġeb fi kliemek dawn il-mistoqsijiet:**

a) X'kelma uża n-nannu għal meta l-ilma jsir fwar? *(par. 4)*

_________________________________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

b) Fejn ħajritu jmur omm Liża lin-nannu Victor? *(par. 6)*

_______________________________________________________________ (ma

ċ) Għaliex taħseb li riditu jmur f'dan il-post?

_______________________________________________________________ (marka)

d) X'taħseb li jkun hemm differenti fil-kampanja wara x-xita? Semmi <u>żewġ affarijiet.</u>

_______________________________________________________________ (2 marki)

e) X'titgħallem minn din l-istorja?

_______________________________________________________________ (2 marki)

**6. Imla l-vojt billi tikteb il-verb fl-IMPERFETT (Preżent) skont l-għerq li għandek fil-parentesi. L-ewwel waħda hija lesta.**



Meta jgħaddi s-sajf u jkun qed **<u>jersaq (r-s-q)</u>** iż-żmien tax-xita, ħafna nies tarahom ________________________(f-t-ħ) t-toqba tal-bir tagħhom biex jibdew jimlewh. Dan ikun għall-ħabta tal-bidu ta' Settembru meta tibda tara lil kulħadd ___________________(k-n-s) il-bjut u _________________(ġ-b-r) it-trab li jkun inġema' wara sajf sħiħ. Ħafna nies jibdew jagħmlu xi tiswijiet li jkun hemm bżonn fis-soqfa tad-djar tagħhom biex malli ______________________(n-ż-l) l-ewwel xita, l-ilma ma jidħolx ġewwa. B'hekk aħna _________________(r-q-d) moħħna aktar mistrieħ. (5 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers



**7. Hawn taħt issib paġna mid-djarju ta' Tony. Fejn hemm** [illegible] **ikteb kliem minflokhom.** **(5 m**[illegible]

| Il-Ġimgħa | Is-Sibt | Il-Ħadd |
|---|---|---|
| Fit-tlieta:<br>Bdejt ix-xogħol tal-iskola. | Fit-**(7:45)**<br>________________________:<br>Qomt u ħadt il-kolazzjon. | Fid-**(9:15)**<br>________________________:<br>Ħarġa mal-familja sa Sant'Anton. |
| Fl-**(4)**<br>_________________:<br>Mort għat-trejning tal-futbol. | Bejn it-tmienja u l-għaxra:<br>Inżilt ngħin lil missieri fil-garaxx. | Fil-ħdax u nofs:<br>Morna għand in-nanniet u kilna hemm. Ġew il-kuġini u qgħadna nilagħbu fil-ġnien. |
| Fis-sitta:<br>Inħsilt u kilt mal-familja. | F'**(12:00)**_________________: <br>Kilt u striħajt ftit fil-kamra. | Fis-sitta:<br>Inħsilt u tlajt nikteb id-djarju. |
| Fis-sebgħa u kwart:<br>Rajt il-programm favorit tiegħi fuq it-televixin. | Fit-tlieta:<br>Lestejt ix-xogħol tal-iskola u qrajt storja. Ippreparajt il-basket għal nhar it-Tnejn. | Fit-tmienja:<br>Kilna flimkien u tlajt norqod. |
| Fit-tmienja u nofs:<br>Dħalt norqod. | Fit-**(3:20)**<br>________________________:<br>Ġew il-kuġini għalija u ħriġna niġru bir-roti. | |

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| TAQSIMA B | IL-KITBA | 30 |
|---|---|---|

StudentBounty.com

**Il-kitba tal-ittra**

**1. Ikteb ittra qasira b'Malti tajjeb lill-ħabib/a tiegħek biex tistiednu / tistedinha għandek nhar il-Ħadd u tqattgħu ġurnata flimkien.** **(5 marki)**



Għażiż/a ______________,

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

Tiegħek,

_______________

**Il-kitba tad-djalogu**

**2. Jason u Tanja kienu fl-istess klassi. Waqt ħarġa sal-Buskett sabu l-ħin biex jitkellmu ftit dwar il-*pets* tagħhom. Imla fil-vojt x'taħseb li qalu lil xulxin dwar il-*pets* li għandhom.** **(5 marki)**

Jason:

_______________________________________________

Tanja:

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Jason:

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Tanja:

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**3. Il-Komponiment** **(20 marka)**

**Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma <u>fuq wieħed minn dawn</u>. Ikteb liema titlu se tagħżel.**

**A. Ħares sewwa lejn dawn l-istampi. Ikteb storja sabiħa fuqhom.**

**1**



**2**



**3**



**4**




**5**



**6**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. L-aktar darba li bżajt f'ħajti.**

*X'kien ġara dakinhar? Għaliex bżajt daqshekk? Minn xiex bżajt u x'ġara wara?*

**Ċ. Immaġina li int għasfur maqful f'gaġġa.**

*Kif spiċċajt hemm? X'tagħmel matul il-ġurnata? Għandek ħbieb? X'tiekol? Tixtieq li tkun ħieles?*

**D. Li kelli nagħżel pajjiż biex ngħix fih, kieku mmur ...**

*Fejn tmur? Għaliex tagħżel dan il-pajjiż? X'jogħġbok l-aktar f'dan il-pajjiż? X'hemm interessanti?*

| Spazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment (bla marki) |
| --- |

**Se nikteb fuq komponiment: ____** (Ikteb A, B, Ċ jew D)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Tmiem il-karta**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers